



*Kumitat għall-Affarijiet Legali
Il-President*

20.6.2013

Is-Sur Martin Schulz
President tal-Parlament Ewropew

Suġġett: Opinjoni dwar il-mozzjoni għal riżoluzzjoni minn Cristiana Muscardini dwar adozzjonijiet domestiċi u bejn il-pajjiżi fl-Istati Membri tal-Unjoni – B7-0459/2012, skont l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura

Għażiż Sur President,

Fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Settembru 2012, inti ħabbart illi kont irriferejt il-mozzjoni għal riżoluzzjoni mressqa minn Cristiana Muscardini dwar l-adozzjoni domestiċi u bejn il-pajjiżi fl-Istati Membri tal-Unjoni (B7-0459/2012) skont l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura, lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali bħala l-kumitat responsabbli.

Matul il-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Mejju 2013 il-kumitat iddeċieda li jagħti opinjoni f'forma ta' ittra dwar il-mozzjoni għal riżoluzzjoni, skont l-Artikolu 120(2) tar-Regoli ta' Proċedura.

Qies li l-mozzjoni għal riżoluzzjoni fil-laqgħat tiegħu tal-11 ta' Ottubru 2012, 25 ta' April 2013, 30 ta' Mejju 2013 u 20 ta' Ġunju 2013.

Sar smiġh dwar il-kwestjoni nhar il-25 ta' April 2013, bil-parteciċipazzjoni tal-esperti.

Fl-aħħar laqgħa, b'mod unanimi adotta l-konklużjonijiet li jidhru hawn taħt, bi 23 vot favur¹.

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Raffaele Baldassarre (Viċi-President), Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu (Viċi-President), Françoise Castex (Viċi-President), Sergio Gaetano Cofferati, Christian Engström, Marielle Gallo, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne (President), Eva Lichtenberger, Antonio Masip Hidalgo, Jiří Maštálka, Alajos Mészáros, Angelika Niebler, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner (Viċi-President), Frédérique Ries, Dimitar Stoyanov, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Axel Voss, Tadeusz Zwiefka.

1. L-Unjoni Ewropea ma għandhiex kompetenza li tirregola l-aspetti purament nazzjonali tal-proċeduri ta' adozzjoni.
2. Minħabba fl-armonizzazzjoni gradwali tal-istandards tal-għajxien fl-Istati Membri, l-adozzjonijiet bejn il-fruntieri fl-Unjoni Ewropea issa huma relattivament rari. It-tfal adottati bejn il-fruntieri fl-UE tista' tgħid dejjem jiġu minn pajjiżi terzi.
3. F'dak is-sens, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ma jarax xi hteġa kurrenti għal regoli komuni Ewropej fil-materja ta' adozzjonijiet bejn il-fruntieri, billi rarament jintużaw.
4. B'rabta mal-adozzjonijiet, l-investigazzjonijiet tal-kumitat urew li, f'livell Ewropew, il-problemi jqumu fir-rikonoxximent reċiproku tal-adozzjonijiet li jsir fi Stat Membru ieħor. B'hekk, it-traġedji familjari li kien hemm meta, wara traslok minn Stat Membru għal ieħor, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tad-destinazzjoni rrifjutaw li jirrikonoxxu l-kustodja tat-tfal adottivi mill-ġenituri adottivi f'każijiet individwali, bir-riżultat li dawn it-tfal ittieħdu f'istituzzjoni tal-kura.
5. Il-kumitat jinnota li l-Kummissjoni beħsiebha tipproponi, tard fl-2013, leġiżlazzjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-effetti tad-dokumenti tal-istat ċivili. Hu kkontemplat li dan ikun ikopri wkoll l-adozzjonijiet.
6. Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għalhekk jikkunsidra li, f'dan il-mument, ma hemm l-ebda urġenza li l-Parlament Ewropew jitlob leġiżlazzjoni li tittanta tirregola l-proċeduri ta' adozzjoni f'livell Ewropew.

Inkunlek grat jekk tittrażmetti din l-opinjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Dejjem tiegħek,

Klaus-Heiner LEHNE